MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Citazzjoni Numru. 1201/2011

**A B u żewġha C B**

**-vs-**

**D E u martu F E; Direttur tar-Reġistru Pubbliku; u Dr Simon Micallef Stafrace flimkien mal-Prokuratur Legali Marie Claire Bartolo li b'digriet tat-13 ta' Jannar 2012 ġew nominati kuraturi speċjali biex jirrapreżentaw l-interess tal-minuri G, H u I, aħwa E**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2011 fejn ġie premess illi:

1. Illi r-rikorrenti A B żżewġet lir-rikorrenti l-ieħor C B fit-12 ta' Lulju tas-sena 2008 u dan kif jidher mill-anness ċertifikat taż-żwieġ markat Dok A;

2. Illi hija kienet kunjomha xebba J u meta kienet xebba ta' għoxrin (20) sena hija welldet *triplets* fl-isptar Karen Grech Pieta fis-17 ta' Marzu 2004 u rreġistrathom bħala *'father unkown'* u kienet tathom l-isem ta' I, G, u H, aħwa I. (Dok B huwa ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti).

3. Illi hija kienet xebba ta' għoxrin sena , kienet waħedha u bl-għajnuna tal-ġinekologa tagħha Dr Isabelle Saliba Micallef tathom għall-adozzjoni lill-intimati wara li wegħduha li huma ser jieħdu ħsiebhom it-tlieta flimkien, liema kondizzjoni kienet il-premura tagħha għax kien hemm oħrajn li riedu jadottawhom iżda wieħed wieħed u mhux it-tlieta f'daqqa. (ċertifikat tat-twelid tal-minuri li juri anke li ġew adottati qed jiġu annessi u mHati Dok B, C u Dok D rispettivament).

4. Illi kif jidher mill-anness ċertifikati tat-twelid il-minuri *triplets* illum jisimhom G, H magħruf bħala H u I magħruf bħala I, aħwa E.

5. Illi dan l-aħħar r-rikorrenti saru jafu li dawn il-minuri ilhom minn meta kienu trabi jgħixu fl-istitut tas-sorijiet tal-ursolini, għamlu anke xi żmien jgħixu separatament u llum għadhom fl-istitut li s-sorijiet tal-Ursolini għandhom ġewwa l-Belt Valletta;

6. Illi dan qed isir minkejja li l-intimata 'ommhom' adottiva hija mara tad-dar u għandha l-ħin kollu biex tieħu ħsieb lil minuri mentri l-intimat l-ieħor 'missierhom' adottiv għandu xogħol tajjeb mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali;

7. Illi r-rikorrenti saru jafu wkoll li l-intimati konjuġi E qatt ma rabbew lil dawn il-minuri li dejjem ħadu ħsiebhom is-sorijiet tal-Ursolini;

8. Illi għalhekk l-intimati konjugi E kisru l-wegħda tagħhom li jieħdu ħsieb lil ulied ir-rikorrenti u jrabbuhom huma u minflok tefgħuhom f'istitut fejn għadhom hemm sal-lum;

9. Illi għalhekk l-aġir tal-intimati konjugi E huwa ksur manifest tar-responsabbilitajiet tagħhom bħala ġenituri adottivi;

10. Illi għalhekk r-rikorrenti A B bħala l-omm naturali tal-minuri, tixtieq li d-digriet tal-adozzjoni jiġi mħassar u revokat u dan qed isir anke bil-kunsens ta' żewġha u jixtiequ li dawn it-tfal irabbuhom huma bħala familja;

11. Illi kemm-il darba l-Qorti tilqa' t-talbiet tagħhom, huma lesti li jagħmlu l-adozzjoni *per subsequens matrimonium* u jrabbuhom bħala wliedhom kif suppost u mhux maqfulin ġewwa istitut;

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett sabiex għar-raġunijiet premessi:

1. Tordna preliminarjament li jiġi anness l-inkartament kollu tal-proċeduri tal-adozzjoni li saru quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja);

2. Tordna t-tħassir u r-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-adozzjoni mogħti mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni ) fit-12 ta' Novembru 2004 li permezz tiegħu l-minuri ngħataw in adozzjoni, liema numru u sena li jirriżultaw mill-atti tat-twelid tal-minuri ;

3. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex fiċ-ċertifikati tat-twelid tal-minuri hawn imsemmija li jġibu n-numru ____/____, ____/____ u ____/____ *(omissis)* rispettivament u speċifikatament fil-kolonna fejn għandhom jidhru l-konnotati ta' isem u kunjom, eta', okkupazzjoni, post tat-twelid u post tar-residenza tal-adottant jew l-adottant fejn hemm l-konnotati tal-ġenituri adotttivi tal-minuri, minflok l-konnotati tal-intimati jiġu nseriti l-konnotati tar-rikorrenti omm A I jew kif inhi llum miżżewġa u magħrufa bħala A B, u jiġu mħassra d-dettalji l-oħra kollha tal-kolonna numru sitta (6), numru (7) u numru tmienja (8) u numru disgħa (9) tal-istess ċertifikati tat-twelid tal-minuri annessi u markati Dok B, C, u D

rispettivament u ċjoe' li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fuq l-att ta' twelid tat-tlett minuri sabiex jiġu sostitwiti b'isem u kunjom ir-rikorrenti ommhom naturali A B xebba I.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta tal-konvenut Direttur tar-Reġistru Pubbliku prezentata fl-20 ta' Frar 2012 fejn ġie premess:

1. Illi fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-integrita' u effikaċita' tal-ġudizzju li r-rikorrenti tispeċifika bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** l-ismijiet tal-minuri fl-okkju tal-kawża odjerna;

2. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jeċċepixxi l-inkompetenza *ratione materie* għat-talbiet tar-rikorrenti u dan għas-segwenti raġunijiet:

3. Illi *ai termini* tal-**Artikolu 482(2) tal-Kap.12** tal-Liġijiet ta' Malta, l-ewwel talba għall-awtorizzazzjoni għall-aċċessibbilta' tal-inkartament tal-proċeduri tal-adozzjoni trid issir mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja) bħala l-Qorti kompetenti skont kif provdut fl-**artikolu 5(b) tal-L.S. 12.19 tal-Liġijiet ta' Malta** u mhux min din l-Onorabbli Qorti;

4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponenti jirrileva li t-tieni talba tar-rikkorenti hija wkoll insostenibbli *stante* li min qari akkurat tat-**Titolu III tal-Ewwel Ktieb tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jitratta fuq l-adozzjoni, ir-revoka tad-digriet tal-adozzjoni kif rikjesta mir-rikorrenti, tista' ssir biss *ai termini* tal-**artikolu 128 tal-Liġijiet ta' Malta**, u ċjoe' f'każ ta' meta l-għan ta' adozzjoni jkun marbut ma' l-ogħti, riċeviment jew ksib ta' xi ħlas jew kumpens ieħor, u dan wara li r-reġistratur tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja) bħala l-Qorti Kompetenti skont l-**artikolu 5(a) tal-L.S. 12.19 tal-Liġijiet ta' Malta** jkun notifikat b'dikjarazzjoni ta' ħtija liema Qorti għandha sussegwentamnet, jekk jidhrilha hekk xieraq, tirrevoka tali

digriet ta' adozzjoni wara li tieħu dawk il-miżuri li tqis xierqa;

5. Illi altrimenti, *stante* illi skont il-liġi l-adozzjoni taqta' kull konnessjoni bejn il-ġenituri naturali u l-persuna adottata *ai termini* tal-**Artikolu 121 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, ir-rikorrenti trid timpunja d-digriet tal-adozzjoni skont l-**Artikolu 35 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

6. Illi għaldaqstant huwa opportun li r-rikorrenti jindikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom u *se mai* jekk ikun il-każ jitolbu korrezzjoni fit-talbiet tagħhom bl-applikazzjoni tal-**artikolu 175(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta** u b'hekk l-esponenti jkun fil-possibbilta' li jirrispondi b'mod aktar adegwat għal din il-kawża. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi l-esponenti bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ

7. Illi finalment dejjem mingħajr preġudizzju għas-suriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti D E u F E preżentata fil-21 ta' Frar 2012, fejn ġie eċċepit:

1. Illi, l-esponenti ġew debitament notifikati bir-rikors de quo nhar it-2 ta' Frar, 2012, liema rikors ġie appuntat għas-smigħ ghas-27 ta' Frar, 2012 quddiem dina l-Onorabbli Qorti;

2. Illi l-fatti ndikati fir-rikors *de quo* huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan *stante* li l-fatti kif allegati mir-rikorrenti huma totalment skorretti u huwa manifestament ovvju li meta r-rikorrenti stitwew din il-proċedura ma kienux a konoxxenza tas-sitwazzjoni preżenti;

3. Illi l-esponenti in kwantu għal kontenut u t-talbiet dedotti fir-rikors *de quo* jħossu li r-rikorrenti l-konjuġi B aġixxew b'mod frettatarju rraxxibbili meta stitwew ir-rikors tagħhom u dan għamluh mingħajr ma kkonsidraw il-fatti li ċċirkondaw iċ-cirkostanzi kif fil-fatt seħħew u li ġiegħlu lill-istess esponenti sabiex jirrikorru għal għajnuna li fittxew u sabu f'mumenti xejn sbieħ li avveraw ruħhom ftit żmien wara li l-minuri G, H u I E ġew legalment adottati mill-esponenti konjugi E;

4. Illi primarjament l-esponenti jixtiequ jġibu a konjizzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti li sa mit-30 ta' Diċembru, 2011, il-minuri G, H u I aħwa E irritornaw lura mal-ġenituri tagħhom, il-konjuġi F u D E b'mod permanenti u definittiv, u dan wara li ttieħdu u saru l-proċeduri rikjesti, kemm mill-Istitut fejn il-minuri kienu qegħdin jinżammu, kif ukoll mill-Aġenzija Appoġġ. L-intenzjoni tal-konjuġi E kienet li joħorġu l-minuri minn ġewwa l-Istitut li fih kienu qegħdin b'mod temporanju qabel din id-data, jiġifieri fl-aħħar ġurnata ta' skola tal-minuri, ċjoe' nhar il-21 ta' Diċembru, 2011, iżda ġara li ġurnata qabel ġew notifikati b'rikors ieħor stitwit fil-Qorti Ċivili Sezzjoni tal-Familja fejn preżentament għaddejjin proċeduri ta' Medjazzjoni, kif ukoll ingħata digriet a propositu wara li ġiet imdaħħla r-risposta tal-konjuġi E;

5. Illi u *stante* li l-proċeduri ta' Medjazzjoni huma nformali ma jkunx jixraq li jiġu mgħoddija nformazzjoni u

dettalji ta' dak kollu li seħħ sal-ġurnata tal-lum sakemm ma' jiġux ordnati jagħmlu dan minn dina l-Onorabbli Qorti;

6. Illi d-deċiżjoni sabiex il-minuri G, H u I E setgħu jirritornaw lura mal-ġenituri tagħhom il-konjuġi E b'mod permanenti kellha l-effetti tagħha b'mod formali waqt laqgħa li nżammet mill-APPOĠĠ nhar l-4 ta' Jannar, 2012;

7. Illi għandu jingħad li sa mill-ġurnata tat-30 ta' Diċembru, 2011, saru diversi kuntatti bejn is-*social workers* appuntati mill-Aġenzija Appoġġ, is-*social worker* Therese u s-*social worker* Laura, kif ukoll saret *home visit* mill-istess *social workers* ġewwa r-residenza tal-konjuġi E sabiex jikkonstataw l-ambjent familjari, il-mod kif il-minuri reġgħu rrintegraw lura mal-ġenituri tagħhom F u D E, liema reintegrazzjoni kienet waħda ferm faċli *stante* li l-kuntatt ta' bejn ġenituri u wlied *nonostante* li l-minuri għamlu żmien jgħixu ġewwa istituti, pero' dejjem flimkien u qatt ma kienu mifruda minn ma' xulxin, il-kuntatt kien kontinwu, ġurnata b'ġurnata u ma ġie qatt interrott;

8. Illi fir-rigward tal-ewwel talba maghmula mir-rikorrenti il-konjuġi B, l-esponenti jħossu li jkun xieraq li l-inkartament tal-proċeduri tal-adozzjoni li saru quddiem il-Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja jiġu annessi ma' dawn il-proċeduri u dan sabiex jiġi aċċertat li l-adozzjoni li seħħet nhar it-12 ta' Novembru tas-sena 2004 fejn permezz ta' digriet mogħti mill-Onorabbli Qorti Ċivili Sezzjoni Ġurisdizzjoni Volontarja l-kura u l-kustodja tal-minuri G, H u I ngħatat lil konjuġi E, u dan *ai termini* tal-Artikolu 114 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

9. Illi għal dan il-għan qiegħed jiġi esebit u anness ir-rapport li kien tħejja minn Dr Thomas Abela li

kien ġie maħtur bħala l-Kuratur tal-Minuri Adottandi sabiex jirrelata dwar l-interess tal-minuri u kien ippreżenta r-rapport tiegħu mHat Dok. 'A'; kif ukoll qiegħed jiġi esebit u mmarkat Dok. 'B', 'Adoption Home Study Report', imħejji mis-*Social Worker* Joseph Scerri, jiġifieri ġranet wara li l-adozzjoni tal-minuri G, H u I saret effettiva. L-eżitu taż-żewġ rapport mħejjija kien jitratta u jirrelata dwar ir-rabta ta' bejn il-konjuġi E, l-ambjent li huma jabitaw fih, is-saħħa tal-konjuġi E u dak kollu rikjest biex ġenituri adottivi jkunu jikkwalifikaw sabiex jadottaw minuri;

10. Illi fir-rigward tat-tieni talba tar-rikorrenti fejn qiegħed jiġi mitlub it-tħassir u r-revoka *contrario imperio* tad-digriet tal-adozzjoni mogħti mill-Qorti Ċivili Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni fit-12 ta' Novembru 2004, ir-rikorrenti ma taw l-ebda raġuni valida fir-rikors tagħhom għalfejn dan għandu jseħħ iżda bbażaw il-deċiżjoni tagħhom fuq konklużjonijiet noti lilhom biss. Ir-rikorrenti sostniet li fil-mument tal-adozzjoni l-premura li kienet għamlet lil konjuġi E kienet dik li jieħdu ħsiebhom t-tlieta flimkien.

11. Illi qabel kollox, l-esponenti jiddikjaraw li huwa minnu li din il-premura saritilhom u li ma kienx hemm il-ħtieġa li ssir, *stante* li d-deċiżjoni li ħadu l-konjuġi E biex jaddottaw lil minuri ittieħdet b'responsabbilita' kbira u qatt ma kienet l-intenzjoni tagħhom li jitolbu għal għajnuna li kieku ma ġrawlhomx l-isfortuni li għaddew minnhom iż-żewġ konjuġi E sa miż-żmien minn meta l-minuri kellhom *circa* tlett snin;

12. Illi l-adozzjoni tal-minuri G, H u I seħħet wara li ġew aċċertati li r-rekwiżiti mitluba mill-Liġi, kienu ġew milħuqa mill-Konjuġi E, kif di fatti kien il-każ. Huwa mportanti ferm għal dik il-persuna, f'dan il-każ in kwistjoni A B nee' I, li fil-mument li tkun se tagħti l-kunsens tagħha sabiex l-adozzjoni sseħħ tkun fehmet l-effett tad-digriet li sussegwentament jingħata wara li ssir it-talba għall-

adozzjoni. Huwa fatt li fil-mument li l-adozzjoni sseħħ, dik il-persuna li tkun tat lil uliedha għall-adozzjoni tkun b'mod permanenti tneħħilha kull dritt fir-rigward tal-persuni li tagħhom tkun qegħda ssir l-adozzjoni, jiġifieri l-minuri G, H u I;

13. Illi l-minuri G, H u I twieldu fis-17 ta' Marzu tas-sena, 2004, u ferm qabel din id-data, preċiżament f'Ottubru tas-sena 2003, F E kienet ġiet avviċinata minn Dr Isabelle Saliba, ġinekologa li dak iż-żmien kienet prattikanti ġewwa l-Isptar St. Is fil-Pieta u staqsiet lis-Sinjura E jekk hi flimkien ma' żewġha D E kienux interessati jadottaw *'triplets' stante* li l-omm naturali riedet ittihom għall-adozzjoni;

14. Illi s-Sinjura E dak iż-żmien kienet taħdem l-isptar St. Is u kellha l-kariga ta' Deputy Midwifery Officer u r-raġuni għalfejn il-Ġinekologa Isabelle Saliba avviċinat proprju lil F E u talbitha tikkonsidra din il-proposta tant sabiħa, kien minħabba l-fatt li Dr Saliba kienet taf li F E ma setgħatx ikollha tfal. Fil-mument meta sar dan id-diskors bejn Dr Saliba u F E, il-konjuġi E kienu diġa' bdew proċeduri separati għal adozzjoni, dan kif jixhed l-anness dokument esebit u mmarkat Dok. 'C', iżda meta ġiet rinfaċċata b'din l-aħbar u wara li flimkien ma' żewġha D E qiesu l-affarijiet kollha kienu ħadu d-deċiżjoni u aċċettaw li jaddottaw lit-*triplets*;

15. Illi d-deċiżjoni li ttieħdet biex jiġu adottati t-*triplets* saret wara li l-konjuġi E qisu s-sitwazzjoni tagħhom ta' dak iż-żmien, sitwazzjoni li kienet normali u mingħajr l-ebda skossi, kkonsultaw ma diversi nies professjonali sabiex għenuhom jifhmu dan l-impenn kbir li kienu se jidħlu għalih, flimkien mas-sagrifiċċji li ġġib magħha kull sitwazzjoni anke jekk tkun dik ta' ferħ. Twelid ta' *triplets* jew adozzjoni ta' *triplets*, għalkemm u ċertament hija waħda feliċi, iżda żgur li hija waħda li tinvolvi mpenn, energija, u s-sagrifiċċji kollha meħtieġa għat-trobbija ta' tlett trabi;

16. Illi A B nee' I kienet ben konxja mid-deċiżjoni li ħadet kważi tmien snin ilu, tant li diversi drabi kienet affermat mal-konjuġi E dwar id-deċiżjoni tagħha, ċjoe' dik li tagħti għal adozzjoni lit-*triplets*. Fil-ġurnata tat-twelid tal-minuri, liema twelid kien prematur, F E kienet bil-kunsens ta' A B nee' I preżenti waqt it-twelid tal-minuri u anke fil-mument tat-twelid l-istess A B nee' I tat il-kunsens tagħha sabiex il-minuri jiġu adottati. Il-kunsens sar fil-preżenza ta' Dr Isabelle Saliba Obstetrika u Ginekologa, Mr Albert Scerri Kunsulent fl-Obstetrija u Ginekologu, Mr Sam Attard Montaldo Konsulent u Kap tad-Dipartiment tal-Paediatricians;

17. Illi A B nee' I ripetutament tat il-kunsens tagħha, kemm waqt it-tqala tagħha, fil-mument ftit qabel it-twelid tal-minuri u anke matul il-perjodu tas-sitt ġimgħat li matul dan iż-żmien l-omm li tkun se tagħti lil uliedha in adozzjoni jkollha id-dritt li tmur lura mid-deċiżjoni tagħha, liema deċiżjoni A B nee' I ma għamlitx, dan jixhduh d-dokumenti annessi u mmarkati Dok. 'D' u Dok. 'E', Dok. 'F'u Dok. 'G';

18. Illi fil-mument li A B ħadet id-deċiżjoni li tagħti lil minuri għall-adozzjoni huwa fatt determinanti li jimplika r-rinunzja anke bħala stat ta' fatt tal-kura u tal-kustodja tal-istess minuri; u fil-mument li A B tat il-kunsens tagħha hija esternat l-intenzjoni tagħha li tirrinunzja b'mod permanenti għall-kura u l-kustodja tal-minuri G, H u I; u fil-mument tal-kunsens tagħha **r-rikorrenti A B tilfet il-Patria Potestas tal-minuri** u li ma tistax illum-il ġurnata wara li għaddew kważi tmien (8) snin mill-adozzjoni tal-minuri G, H u I tittanta tivvanta xi pretensjoni jew dritt biex tieħu lil minuri lura u dan minħabba l-fatti sfortunati li laqtu lil konjuġi E;

19. Illi għat-tul taż-żmien kollu li l-minuri nżammu ġewwa l-SCBU u ġewwa n-Nursery tal-istess sptar, eżattament għall-perjodu ta' tmien ġimgħat, A B nee' I li kienet libera li tmur tara lil minuri u / jew tibdel fehemitha dwar il-kunsens minnha mogħti sabiex l-adozzjoni sseħħ,

qatt ma ġara, fis-sens li qatt ma marret tarahom jew bidlet fehemtha dwar il-kunsens;

20. Illi wara l-perjodu ta' tmien ġimgħat li fih il-minuri nżammu l-isptar minħabba l-fatt li kienu twieldu prematuri, l-konjugi E ingħataw l-kura u l-kustoda tal-minuri G, H u I, liema kura u kustodja saret effettiva mit-18 ta' Mejju, 2004, kif jafferma l-anness dokument immarkat Dok. 'H', maħruġ minn Dr Robert Mangion;

21. Illi fir-rigward tat-tielet talba magħmula mir-rikorrenti, dina l-Onorabbli Qorti għandha tqisha wara li l-eżitu ta' dan il-kawża jkun deċiż.

22. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Semgħet it-trattazzjoni;

Rat illi fil-verbal tas-seduta tal-25 ta' Ottubru 2012 l-kawża tħalliet għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi quddiemha l-Qorti għandha kawża insolita fejn l-atturi qed jitolbu r-revoka ta' adozzjoni li kienet ġiet awtorizzata mill-allura Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili ta' tlett ulied l-attriċi favur il-konvenuti.

Illi kwantu għall-eċċezzjonijiet preliminari ossija dawk tal-kompetenza ta' din il-Qorti, l-istess Qorti jidrilha li dawn m'għandhom ebda fundament. Ma hemm ebda provvediment li jindika Qorti partikolari biex tisma' kawża bħal din; allura dan jaqa' fil-kompetenza ta' din il-Qorti illi għandha s-setgħa li tisma' l-kawżi l-oħra kollha mhux indikati b'xi liġi li jaqgħu taħt xi kompetenza ta' Qorti oħra.

Illi l-attriċi li kellha t-tfal imsemmija meta kellha inqas minn 20 sena u kienet mhux miżżewġa; qalet fid-depożizzjoni tagħha li kienet tkun disposta żżomm it-tarbija kieku kienet waħda iżda meta saret taf li kien se jkollha tlieta f'daqqa ddeċidiet li tagħtihom biex ikunu adottati; dejjem skond hi sakemm ikunu għand familja li żżommhom flimkien għax ma riditx li jkunu mifrudin.  Ftit snin wara meta allura kienet ġja' miżżewġa, saret taf mingħand persuna oħra li dawn it-tfal kienu ġo istitut.  Kien hawn allura li hija fetħet din il-kawża.

Illi l-konvenuti rrispondew għal dan billi qalu li huma poġġew it-tfal fl-istitut minħabba mard serju li kellhom u li xorta baqgħu jaħsbu għall-bżonnijiet tagħhom finanzjarjament.  Dan il-fatt (li huma baqgħu jħallsu għall-ispejjeż tagħhom) huwa kkonfermat mis-Sorijiet li xehdu fil-kors tal-kawża.

Illi huwa indiskutibilment kundannabbli dak li għamlu l-konvenuti, u ċjoe' li ħallew lil uliedhom adottivi ġo istitut għal perjodu daqshekk twil – *circa* ħames snin.  Jidher infatti li huma reġgħu ħaduhom id-dar kif appena bdiet din il-kawża.  Wieħed jifhem li f'ċerti każi ġenituri jkollhom iqegħdu lil uliedhom ġo isititut f'każ ta' mard serju iżda mhux għal perjodu daqshekk twil.  Fil-fehma tal-Qorti wara li spiċċalhom l-entużjażmu biex ikollhom ulied, irrealiżżaw illi tlett itfal f'daqqa kienu wisq għalihom u l-Qorti għandha d-dubji tagħha kemm it-tfal kienu se jinħarġu mill-istitut kieku ma ġietx intavolata din il-kawża.  Dan għaliex il-konvenuti *nonostante* kollox (ċertament il-konvenuta) ma jridux li jinfirdu minn magħhom xorta waħda, u l-Qorti fl-istess ħin hija ċerta li huma għandhom affezzjoni lejn it-tfal.  Kien probabbilment id-disperazzjoni li ma setgħux ilaħħqu magħhom (bl-ingliż, *they could not cope*) illi wassalhom biex jieħdu l-pass daqshekk drastiku.

Illi l-fedina penali tal-konvenut tindika wkoll li huwa persuna li jitlagħlu malajr u dan wasslu f'inkwiet (*sija pure* mhux daqshekk kbir) fil-passat.

Illi l-liġi tagħna ma tagħtix definizzjoni ta' adozzjoni; **Torrente (Manuale di Diritto Civile *paragrafu 479*)** jgħid li: *"L' adozione crea un vincolo di parentela civile, permettendo alla persona che non avuto figli… di pore in essere un rapport che arieggia quello di filiazione legittima. Mirando ad assicurare una discendenza a chi ne' e' privo l' adozione e' consentita nono solo alla coppia dei coniugi. Ma pure al singolo non coniugato"*. Huwa evidenti li mill-*punto di vista* storiku dan kien l-iskop li nħoloq dan l-istitut legali importanti. *Nonostante* n-nuqqas ta' definizzjoni jirriżulta ċar mill-provvedimenti dwar is-suġġett, u ċjoe' mill-artikoli 113 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li l-liġi tagħna riedet twassal biex għal kull skop legali, l-adottand isir iben jew bint l-adottant jew adottanti. Infatti r-riperkussjonijiet legali huma dawn; il-persuna adottat issir parti mill-familja tal-adottant f'kull sens – dan jidher ċar l-aktar mid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 121, 122 u 123 tal-Kodiċi Ċivili li jagħmluha ċar li minn meta jingħata d-digriet finali, jidħlu l-obbligazzjonijiet u drittijiet kollha li jeżistu fil-liġi tagħna bejn il-ġenituri u l-ulied.

Illi l-liġi tagħna għalhekk ma tindika mkien li digriet ta' adozzjoni jista' jiġi revokat ħlief fl-Artikolu 126 li pero' jitkellem dwar persuni adottati minn missierhom jew ommhom biss. Dan huwa differenti per eżempju mill-Kodiċi Taljan li jipprovdi għal revoka ta' adozzjoni f'każ ta' *indegnita' dell' adottato jew indegnita' dell' adottante*; u dan f'każ li l-adottat jew l-adottant ikun ħati ta' reat fil-konfront tal-persuna l-oħra li jġib kundanna ta' mill-inqas tlett snin ħabs (*vide:* **Trabucchi - Commentario breve al Codice Civile, paragrafi 305 et sequitur.**)

Illi l-Qorti għalhekk ma tarax kif tista' tirrevoka d-digriet tal-adozzjoni fiċ-ċirkostanzi tal-każ; l-attriċi ma allegatx li l-kunsens tagħha biex it-tfal jiġu adottati kien vizzjat jew li kien hemm xi rregolarita' oħra fil-proċeduri tal-adozzjoni għaliex f'dak il-każ il-Qorti kien ikollha l-obbligu li tinvestiga dan. Lanqas ma l-Qorti tiddubita li meta l-konvenuti aċċettaw li jadottaw u bdew il-proċeduri, huma kellhom intenzjonijiet tajbin. Kien wara li bdew jirrealiżżaw li dak li daħlu għalih ma kienx xi ċajta iżda obbligu oneruż sew. Rigward l-attriċi l-Qorti tissimpatizza ħafna magħha

iżda ma tistax tagħtiha r-rimedju li tixtieq. Huwa rassikuranti l-fatt li illum hija rnexxiet professjonalment tant li tmexxi negozju tagħha u jidher ukoll li żewġha jappoġġjaha f'kulma tagħmel.

Illi dan ukoll ma jfissirx li l-Qorti se titlaq id-destin tat-tfal imsemmija għal riħu. Il-konvenuti xorta għandhom l-obbligi kollha ta' ġenituri u l-istituzzjonijiet appositi jistgħu ċertament jintervjenu fil-Qorti apposita, biex it-tfal ikunu protetti, u l-Qorti se tirrakkomanda li dan isir.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuti, u tilliberahom mill-osservanza tal-ġudizzju.**

**Spejjeż fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa.**

**Il-Qorti tordna li din is-sentenza tkun komunikata lill-Aġenzija Appoġġ għall-attenzjoni tagħha u biex tieħu l-passi opportuni jekk jidhrilha li jkun il-każ.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------